# Il-Ħadd 20.10.2019

1. Illum 20/10, **Jum il-Missjoni**:
   - Qed issir Lotterija u xi bejgħ ta' Pjanti fuq iz-zuntier tal-knisja, u l-offerta tal-quddies tmur għal dan l-iskop: li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' karità.

2. It-Tnejn 21/10:-
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mat-tfal (Subien u Bniet)<br>li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien.

3. Il-Ħamis 24/10:-
   - Fil-5:00pm ikollna l-Qrar għat-Tfal li ser jagħmlu l-Griżma.
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ġimgħa 25/10:-
   - Fil-5:00pm ikollna r-Rehearsal u l-Aħħar preparamenti għall-Griżma.

5. Is-Sibt 26/10:-
   - Mill-4:30pm sal-5:00pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Mill-5:00pm sas-6:00pm ikollna l-Qrar għall-Ġenituri u Parrini.

6. Il-Ħadd 27/10, **Jum il-Bibbja u Jum il-Griżma tal-Isqof**:-
   - Fit-3:15pm tiftaħ il-knisja biex sal-3:45pm kulħadd ikun sab postu.
   - Fl-4:00pm tibda ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa bis-Sagrament tal-Griżma.
   - Nifirħu lit-tfal li ser jirċievu dan is-Sagrament: 8 subien u 8 bniet.
   - ***Infakkar li ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm***.

7. Avviżi oħra:-
   - Is-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm jixtieq jirringrazzja lil kulmin ta sehmu l-Ħadd li għadda waqt is-sessjoni ta' għoti ta' demm f'Ħal Safi.
   - Għandna ħsieb li għas-Sibt 09/11 u l-Ħadd 10/11 nagħmlu *Bake & Cake Sale* b'risq il-manutensjoni u l-proġetti ta' restawr tal-Knisja, b'mod speċjali għat-tiswija tal-lanterna tal-koppla tal-knisja. Minn jista' jgħin fih l-aktar billi jipprovdi xi pasti, kejkijiet, eċċ. jikkuntattja lil Rita Formosa. Napprezzaw il-koperazzjoni tagħkom.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 270 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.<br>Grazzi.

9. Nitolbu għal Mikelina Zammit li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.<br>Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...